MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**SILVIO MELI**

Seduta tas-7 ta' Marzu, 2012

Citazzjoni Numru. 128/2012

**HSBC Bank Malta p.l.c.**
**(C – 3177)**

**vs**

**Demis Cachia detentur ta' l-karta ta' l-identita` bin-numru 178175 (M) u martu Sandra Cachia detentrici ta' l-karta ta' l-identita` bin-numru 487877 (M)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ta-socjeta` rikorrenti debitament guramentat skont il-ligi, datat is-7 ta' Frar, 2012, li permezz tieghu s-socjeta` de quo ikkonfermat is-segwenti:

1. Illi l-intimati konjugi Cachia huma debituri tas-socjeta` rikorrenti fl-ammont ta' sitta u erbghin elf,

disa’ mija u tlett Ewro u tlieta u tmenin centezmu, (€46, 903.83);

2. Illi dan l-ammont hu dovut mill-imsemmija ntimati lis-socjeta` rikorrenti in konnessjoni ma’ self ilhom minnha koncess;

3. Illi nonostante li l-intimati kienu debitament interpellati biex ihallsu l-ammont minnhom dovut, baqghu inadempjenti;

4. Illi d-debitu fuq indikat hu cert, likwidu u dovut;

Illi in vista tal-premess is-socjeta` rikorrenti konsegwentement talbet lil din il-Qorti sabiex:

1. Tiddeciedi l-vertenza odjerna bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza;

2. Tikkundanna lill-intimati, il-konjugi Cachia, biex ihallsu l-ammont lilhom misluf mis-socjeta` rikorrenti kif indikat aktar qabel fil-premessi li taw bidu ghal din il-procedura;

3. Bl-ispejjez u imghaxijiet kif indikati fir-rikors promotur fuq indikat;

Rat id-dokumenti annessi mal-istess rikors promotur;

Rat in-nota tal-intimati, il-konjugi Cachia, datata t-28 ta’ Frar, 2012, li permezz taghha l-intimati Demis u Sandra Cachia ammettew it-talbiet tas-socjeta` rikorrenti;

Illi in vista tal-imsemmija ammissjoni u biex jigi evitat dilungar inutili din il-qorti tiddeciedi billi:

1. Tiddikjara lill-intimati konjugi Cachia huma debituri tas-socjeta` rikorrenti HSBC Malta p.l.c. fl-ammont ta’ sitta u erbghin elf, disa’ mija u tlett Ewro u tlieta u tmenin centezmu, (€46,903.83);

2. Tikkundanna lill-imsemmija ntimati konjugi Cachia biex ihallsu lis-socjeta` rikorrenti fuq indikata l-ammont hekk indikat fil-paragrafu precedenti;

3. Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali tat-18 ta' Gunju, 2010, u bl-imghaxijiet dovuti skont il-ligi mill-21 ta' Jannar, 2012, kif mitlub sad-data tal-effettiv pagament.

___________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------